**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 7 ta' Frar 2025**

**Kawża Numru: 1699/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**Vs**

**Abas Mohamad Muhsen**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Abas Mohamad Muhsen** ta' għoxrin (20) sena, bin Muhsen u Fehmija, imwieled fl-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa (2004) u residenti ġewwa Melita, Flat numru tlieta (3), Triq il-Knisja, Paola, detentur tal-passaport Bulgaru bin-numru 860088094 u dokument ta' identifikazzjoni mill-Bulgarija bin-numru 852016888.

U nakkużah talli nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta' tmienja ta' filgħodu (8:00am), ġewwa Triq Diċembru Tlettax, Marsa, u/jew fil-viċinanzi:-

1) B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq Shazeb Khan;

2) B'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna feriti ta'

natura ħafifa fuq Farheen Khan;

3) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għamel xi ħsara jew għarraq xi ħaġa għad-dannu ta' Shazeb Khan u/jew Farheen Khan;

4) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 mingħajr liċenzja tas-sewqan;

5) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

6) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 b' mod perikoluż;

7) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 bi traskuraġni;

8) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 b'nuqqas ta' kont;

9) Wara li kien involut f'inċident b'vettura bil-mutur, naqas li bħala sewwieq jieqaf, jew meta hekk kien mitlub minn xi uffiċjal tal-Pulizija, uffiċjal tal-komunità jew minn xi persuna oħra li kellha raġuni biżżejjed li titlob li jsir hekk, naqas li jagħti isem u l-indirizz tiegħu, kif ukoll l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura u d-dettalji tal-assiguratur tal-vettura, kif ukoll il-marka jew numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura;

U aktar talli nhar is-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), għall-ħabta ta' tmienja u nofs ta' filgħodu (8:30am), ġewwa Triq Reġjonali, Santa Venera, u/jew fil-viċinanzi:-

10) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 mingħajr liċenzja tas-sewqan;

11) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 mingħajr ma' kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

12) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 b'mod perikoluż;

13) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 bi traskuraġni;

14) Saq vettura ta' għamla Ford rreġistrata bin-numru JGV037 b' nuqqas ta' kont.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità, għal perjodu ta' żmien illi l-Qorti jidrilha xieraq skont l-Artikolu 30 tal-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti finalment ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti mill-prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u ngħata biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

**Ikkunsidrat**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li bihom ġie mixli l-imputat u li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, iċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll, il-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 226(1)(ċ) u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3), 54, 55 u t-Tieni Skeda tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 67(1) tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-Artikolu 3(1)(1A)(2)(a)(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputat **Abas Mohamad Muhsen** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u qegħda tikkundannah għall-piena ta' **sentejn priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikou 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tiġi **sospiża għal żmien erba' (4) snin mill-llum.**

Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċari u sempliċi, il-konsegwenzi skont il-liġi kemm-il darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3(2A) tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tlettax (13)-il xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara